GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U
ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **6 t' Ottubru 2021** **Ref: DDLTS 31/2021**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Is-Sur Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litterizmu Diġitali**

**Suġġett:** **Sejħa għall-aġġudikazzjoni tal-inizjattivi sottometti għall-Embed Digital Literacy Awards**

---

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali, fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand edukaturi, li qegħdin fi Skala 10 jew aktar, interessati li jaġġudikaw inizjattivi sottometti għall-Embed Digital Literacy Awards 2021.

Dawn il-Premijiet jiċċelebraw eżempji prattiċi tajbin minn edukaturi li jintegraw it-teknoloġija fit-tagħlim.

L-Edukaturi huma mistiedna li jlestu l-aġġudikazzjoni sat-30 ta' Novembru 2021. Mill-esperjenza tal-passat konna nirċievu bejn 50 u 150 sottomissjoni.

Il-bord ta' aġġudikazzjoni jrid jassessja s-sottomissjonijiet skont il-kriterji mehmuża.

Il-ħlas huwa ta' €8.55 għal kull sottomissjoni li ser jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-eTwinning, billi l-Embed Digital Literacy Awards hija parti mill-attivitajiet tal-eTwinning. Kull sottomissjoni trid tiġi assessjata b'mod individwali.

**Termini u kundizzjonijiet**

L-applikazzjonijiet iridu jinkludu curriculum vitae (li għandha tinkludi lista ta' kwalifikazzjonijiet mill-applikant).

Dawk eliġibbli ser ikunu assessjati permezz ta' Bord biex jiddetermina jekk jistgħux jaqdu dan l-irwol.

Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanzi huma mitluba biex jiġu ppreżentati waqt l-intervista għall-verifikazzjoni..

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija **nofsinhar (CET) sal-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2021.**

Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Trasversali jżomm id-dritt li ma jilqax kwalunkwe applikazzjoni sottomessa.

Dawk interessati għandhom jibagħtu lil Dr Omar Seguna, Uffiċjal Edukattiv, imejl: omar.seguna@ilearn.edu.mt; tel: 25981569

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**